MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIZZI ANTONIO LL.D.**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2002

Numru 754/2002

Il-Pulizija
(Sp Dennis Theuma u
Sp Simon Galea)
vs
Sandro Pace, iben Anthony,
imwieled Pieta' fil-5 ta' novembru, 1983

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputat talli f'dawn il-Gżejjer, fil-lejl ta' bejn l-14 u il-15 ta' marzu, 2002 ġewwa Ħal-Lija kkometta serq ta' set ta' fog lamps minn fuq il-vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni LAE 196, mudell Ford Fiesta, għad-dannu ta' Noel Mallia, liema serq hu aggravat bil-mezz, bil-ħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' novembru, 2002 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat
lill-Qorti li r-refurtiva ġiet ritornata lil sidha fi żmien erbgħa u għoxrin siegħa.

Rat il-verbal tas-seduta tal-5 ta' novembru, 2002 fejn l-imputat ammetta l-akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputat u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkuża miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikoli 261(b)(f)(g), 263(a), 270, 271(g), 278(1)(2)(3) u 337(2)(b)(ii) tal-Kodiċi Kriminali. Rat il-fedina netta ta' l-imputat u l-eta' ta' l-imputat.  Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 9 tal-kapitolu 152
tal-Liġijiet ta' Malta bla kondizzjoni.